28 ta' Gunju, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giulia Busuttil

**Kustodju tal-Proprjetà tal-Għadu — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Mara — Art. 1373 (1) u 1362 tal-Kap. 23, u reg. 3 (6) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 389 ta' l-1942.**

*Id-dejn li taghmel il-mara miżżewġa bil-kunsens tar-raġel huwa dejn ta' l-akkwisti; u ta' l-akkwisti fil-kors taż-żwieġ huwa meqjus bħala "dominus" ir-raġel, li fil-konfront tat-terzi huwa kunsidrat bħala uniku proprjetarju ta' l-akkwisti. Għalhekk dak id-dejn huwa tiegħu, u l-obbligu tal-ħlas ta' dak id-dejn huwa miżmut fuqu. Bħala konsegwenza, il-persuna obligata li tiddenunzja lill-Kustodja tal-Proprjetà tal-Għadu dak id-dejn, meta l-kreditur huwa għadu,*

*hija r-raġel, u mhux il-mara li kkuntrattat id-dejn bil-kunsens ta' żewġha.*

*Ir-regola li r-raġel jitqies bħala d-"dominus" ta' l-akkwisti hija ta' ordni pubbliku, tali li ma tistax tiġi mbiddla; u għalhekk id-dikjarazzjoni li tagħmel il-mara fis-sens li hija responsabbli tad-dejn, ma tiswiex, għax hija kontra l-liġi, u ma tekwivalix għal espromissjoni tar-raġel minn dak id-dejn.*

L-imputata ġiet miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex tirrispondi għal żewġ imputazzjonijiet: (1) talli naqset li tagħti l-informazzjonijiet kollha meħtieġa lill-Custodian of Enemy Property fiż-żmien stabbilit mill-liġi dwar dejn dovut lil Santo Arcidiacono, bniedem li kien għadu; (2) talli naqset li tħallas lill-Custodian of Enemy Property fiż-żmien preskritt mill-liġi flus li, kieku ma kienx hemm il-gwerra, kellhom jitħallsu lill-istess Arcidiacono, bniedem li kien għadu;

Bis-sentenza tagħha tat-18 ta' Mejju 1948, dik il-Qorti sabitha ħatja u kkundannatha għall-piena tal-multa ta' £5;

L-imputata appellat;

Din il-Qorti, wara li semgħet il-provi u l-argumenti, ikkunsidrat;

Biex is-soluzzjoni tal-"punctum saliens" ta' dan l-appell tkun appjanata u kjarita, hemm bżonn li jiġi premess li, "ex concessis", ma hemmx kuntrast bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża fuq dawn iċ-ċirkustanzi: (a) illi Arcidiacono għandu jitqies li kien "għadu" fis-sens tal-liġi; (b) illi hu kien kreditur tax-xogħol li għamel; (c) illi x-xogħol kien lilu kommissjonat mill-imputata fil-kostanza tat-tieni żwieġ tagħha ma' Dr. Frank Busuttil;

Issa l-kwistjoni devoluta lil din il-Qorti hi jekk l-obligi li timponi l-liġi, u li bl-infrazzjoni tagħhom l-imputata tinsab addebitata f'din il-kawża, jippeżawx fuq l-imputata jew fuq żewġha. Jekk, kif qiegħda ssostni d-difiża, l-obligi ma kienux tagħha, allura l-imputazzjoni hi eskluża "a planta pedis";

Ikkunsidrat fuq dan il-pont;

Illi hu ndubitat illi, taħt is-sistema tal-Liġi Ċivili Maltija, id-dejn kuntrattat mill-mara miżżewġa bil-kunsens tar-raġel hu dejn ta' l-akkwisti (art. 1373 (1) Kap. 23 Ediz. Riv.). Hu ugwalment indubitat illi "pendente matrimonio" r-raġel

hu meqjus "ut dominus" ta' l-akkwisti, u fil-konfront tat-terzi hu jiġi kunsidrat bħala l-uniku proprjetarju ta' l-akkwisti (art. 1362 idem). Mela hu ugwalment indubitat li għal dan id-dejn ta' Arcidiacono, li ġie kuntrattat, kif xehdet l-imputata, minnha bil-kunsens ta' żewġha, kien responsabili żewġha bħala kap ta' l-akkwisti u bħala "dominus". Kieku Arcidiacono kellu jistitwixxi (kieku kien il-każ) proċeduri ġudizzjarji, dawn kienu jkunu ntavolati kontra żewġ l-imputata;

Issa l-liġi tirriferixxi għal "any person by whom any money is payable to the Custodian" (reg. 3 (6) G.N. 389 ta' l-1942); u hu "payable to the Custodian" "any money which would, but for the existence of a state of war, be payable for the benefit of a person who is an enemy" (reg. 3 (1) idem). Issa, dan id-dejn kien, skond il-prinċipji fuq żvolti, "payable" lil Arcidiacono minn żewġ l-imputata; konsegwentement kien "payable" lill-Custodian anki minn żewġha;

L-Avukat tal-Kuruna ssottometta illi l-aspett tar-responsabilità kriminali għandu jiġi differenzjat minn dak tar-responsabilità ċivili;

Kieku fil-liġi kriminali, li tikkontempla l-każ, kien hemm xi kliem li jidderogaw, għall-finijiet tagħha, għar-responsabilità kif meqjusa ċivilment, allura dan l-argument kien ikun korrett. Imma meta ma hemm xejn, kif xejn ma hemm fil-każ ta' din il-liġi, allura kien ikun kontra kwalunkwe prinċipju ta' ġustizzja illi, proprju "in odiosis", jiġu mbiddla kważi kapriċċjożament mill-ġudikant il-prinċipji li jirregolaw "in subjecta materia" r-responsabilità "civiliter";

Ġie anki sottomess mill-Prosekuzzjoni illi fil-korrispondenza jew dokumenti eżibiti l-imputata assumiet ir-responsabilità, għaliex iddikjarat ruħha bħala debitriċi;

Lanqas dan l-argument ma hu aċċettabili. Infatti r-regola li r-raġel jitqies bħala "dominus" ta' l-akkwisti hi ta' ordni publiku, tali li ma tistax tiġi mbiddla (art. 1362 (2) Kap. 23), u d-dikjarazzjoni ta' l-imputata ma tistax tkun kontra l-liġi, u ma tistax tekwivali għal espromissjoni ta' żewġha mid-dejn "de quo";

Għalhekk l-obbligi fuq imsemmija, li dwarhom saret l-imputazzjoni dupliċi, kienu tar-raġel ta' l-imputata, u mhux tagħha; konsegwentement hi ma nkorriet ebda responsabilità;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Il-*Qorti* tiddeċidi:

Billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-imputata mhux ħatja, u tordna li tiġi liberata.